# 17. Il-Ponsettja

Ponsettja, xi ksieħ dan li ġieb Diċembru!
tal-ġnien is-siġar kollha għarwenin;
ix-xtieli ċkejkna ma jistgħux joħolqu,
imċappsa kollha ħamri u mkerċħin!

Int biss tħammar bħad-demm, sura ta' mitħna
bi tmien antinni ċkejkna ħomor nar;
ir-riħ f'nofshom ifendi bla jqattagħhom,
sew sew kif ma jqattax l-antinni l-kbar.

Ponsettja, liema ħajr issib f'Diċembru?
fi ksieħ bħal dan il-ferħ kif tista' tħoss?
xi jġagħlek twarrad, tħammar f'din il-għera
bħaċ-ċnetta ħamra fuq ras Santa Kloss?